Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 91/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Alison Vasuani

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Alison Vasuani, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 117277M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fil-5 ta' Ottubru, 2014, gewwa Gopadas – Triq ir-Repubblika, Valletta, jew hi jew impjegat taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, naqset li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissaru, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik

il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannatha multa ta' tmien mitt Ewro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alison Vasuani, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibx lill-imputata hatja tal-akkuzi u tilliberha minnhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji ta' Alison Vasuani huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghda tissottometti illi l-Ligi f'dan il-kaz titlob li provi jigu nvertiti u oneru tal-prova taqa' fuq l-imputata. Din il-Ligi u Ligi ohra tal-Health and Safety huma l-unici zewg ligijiet li l-oneru jinkombi fuq l-imputat li juri li ma ghamel xejn hazin u ghamel minn kollox sabiex jipprevjeni dan ir-reat.
2. Issa f'dan il-kaz is-sitwazzjoni kienet li l-esponenti li hija l-VAT registered person kienet ilhaf il-hanut ghal divesi sieghat u meta bghatta ftit ix-xoghol allargat mill-hanut sabiex tmur tiehu xi haga tal-ikel. Ta' min ifakkar illi dik il-lejl kienet il-lejl ta' Notte Bianca meta eluf u eluf ta' nies jidhlu l-Belt u fil-hanut dak il-lejl ikun hemm hafna u hafna nies. Illi l-esponenti fix-xhieda

taghha qalet li dejjem taghti struzzjonijiet lill-impjegati sabiex johrogu ricevuta aktar u aktar li allargat mill-hanut u dan minhabba l-kontroll li jkun hemm meta hi ma tkunx il-hantu. Apparti dan l-esponenti kienet ghall-hafna zmien il-hanut u ghalhekk kienet qieghda tissorvelja dak li kien qieghed ghaddej. Meta allargat mill-hanut ma kienx hemm aktar il-kontroll taghha pero' tat istruzzjonijiet specifici sabiex tibqa' tinhareg ircevuta fiskali. Jirrizulta allegatament illi impjegat ma harigx ircevuta fiskali xi haga li hi kkontestata ghax inhareg u anki ghall-grazzja talargument jekk l-impjegat ma harigx l-ircevuta fiskali dan kien barra mill-kontroll taghha u l-esponenti ghamlet dak kollox li setghet halli tipprevjeni dan l-allegat akkadut.

3. Di piu' ghandu jirrizulta anki mix-xhieda tal-ispettur tal-VAT illi gewwa dak il-hanut kien hemm hafna nies qedghin jinqdew fl-istess hin u zgur li ma kienx il-hin idoneju li jigi spettur tal-VAT qalb dak il-kaos kollu. Ikun ahjar jekk gie meta r-rassa kienet ikkalmat. Di piu ghandu jirrizulta illi l-esponenti ghamlet minn kollox sabiex tipprevjeni dan l-akkadut.

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubju f' dan il-kaz illi l-persuna irregistrata ai fini ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghal hanut bl-isem Gopaldas gewwa il-Belt Valletta hija l-appellanti. Dan mhux kontestat. Jirrizulta li mill-hanut in kwistjoni sar biegh u li ghal dak il-biegh ma kienetx inghatat ricevuta. Il-biegh sar mill-impjegat Aaron Zammit fil-hin illi l-appellanti kienet illargat ghal ftit hin mill-hanut sabiex tmur tixtri xi haga ta'l-ikel. Di piu meta mitlub johrog ir-ricevuta ghal dan il-bejgh ta' tazza inbid, l-impjegat hareg ricevuta zbaljata bl-ittra "E" jigifieri ghal prodotti ezenti mit-taxxa, meta il-bejgh kellu ikun wiehed taxxabbli.

L-impunjattiva imtressqa mill-appellanti ghad-decizjoni appellata allura hija essenzjalment illi fil-kaz taghha kellu japplika l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 82 tal-Kap. 406. Dana s-subartikolu jipprovdi hekk:

*Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fittwettieq ta' l-impieg tieghu, jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk dik il-persuna l-ohra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innfisha kif ukoll mill-principal taghhom jew persuna registrata:* ***izda dak ilprincipal jew persuna registrata ma jkunx hati ta' reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf b'dak lghemil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas***. (enfazi tal-Qorti).

L-appellanti minn naha taghha ghalhekk tishaq illi hija dejjem tat struzzjonijiet lill-impjegati taghha sabeix johorg ricevuta fiskali u f'dan il-kaz fuq mistoqsija ta' din il-qorti tghid illi ghal bejgh ta'l-inbid bit-tazza li kien qed isir f'dik is-serata tan-Notte Bianca hija kienet anke indikat lill-impjegat taghha sabiex din tinhareg bhala bejgh taxxabbli u mhux ezenti.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Emmanuel Scerri" [30.3.2000] "*meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir ...minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata , ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata . Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja JEKK TIPPROVA , IMQAR FUQ BAZI TA' PROBABILTA' (emfasi ta' din il-Qorti) jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas"* . Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga . Izda ma hux bizzejjed biex wiehed jezimi ruhhu mir-responsabbilta` vi karja taht l-Artikolu 82(2) li semplicement jghid li hu ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu.(Il-pulizija vs Vincent Mifsud; App. Krim- deciza 06/06/2003).

Affermati dawn il-principji legali u gurisprudenzjali l-qorti tsitqarr illi ma tisnabx konvinta illi l-appellanti irnexxielha tilhaq il-grad ta' prova rikjesta minnha. Dan ghaliex l-affermazzjoni taghha li ghaddiet l-istruzzjonijiet mehtiega lill-impjegat taghhama humeix sufficjenti. Dan il-piz terga kien wiehed ikbar f'lejla fejn il-bejgh kien ser ikun wiehed differenti mill-bejgh solitu li isir mill-hanut taghha kif ukoll kellu ikun iktar voluminuz u b'rittmu kemmxejn mghaggel, kif *del resto* tghid hi stess. Ghalkemm l-appellanti tghid illi hija kellha CCTV recording ta' meta sehh il-kaz, madanakollu qatt ma ressqet l-istess bhala prova u minflok titfa' dan il-piz fuq il-Prosekuzzjoni billi jidhrilha illi kellhom ikunu l-ispetturi li jitoblu sabiex jaraw dan il-filmat u iressquh bhala prova. Di piu anke l-affermazzjoni taghha illi in-nies li kienu qed jakkwistaw din it-tazza ta'l-inbid fil-maggior parti taghhom kienu jitilqu qabel ma jinghataw ic-cans li tinhareg ir-ricevuta lanqas tista' tregi f'dan il-kaz, billi mir-rapport ta'l-ispetturi esebiet in atti jirrizulta illi dawn ta'l-ahhar kellmu lill-konsumatur involut fil-bejgh inkriminanti li infurmhom illi meta sar l-bejgh huwa ma inghatax ricevuta.

Ghalhekk f' dan il-kaz l-appellanti ma tistax targumenta b' success li hi ma kenitx taf b'dak li kien qed jaghmel l-impjegat taghha meta setghet tissorveljah anke fl-assenza taghha u dan ma ghamlitux, lanqas sabiex tressaq prova quddiem il-Qorti biex turi dak li effettivament sehh. Dan ifisser illi lanqas fuq bilanc ta' probabbilita allura kif jispetta lilha skont il-ligi ma irnexxielha tipprova illi hija ghamlet kull ma setghet taghmel sabiex izzomm milli jsir l-ghemil jew nuqqas li ma hemmx dubju li sar minn Zammit, l-impjegat taghha, u dan kif jipprovdi l-proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 82 tal-Att XXIII tal-1998. Anzi, mhux biss, izda lanqas irnexxielha tikkonvinci lil din il-Qorti li hija kienet tat struzzjonijiet sabiex ir-ricevuta tinhareg kif suppost bhala wahda taxxabbli u mhux ezenti tant illi meta mitlub johrog ir-ricevuta mill-ispetturi, l-impjegat hareg dik ir-ricevuta li solitament johrog ghal bejgh tal-prodotti tal-hanut tas-souvenirs li huma ezenti mit-taxxa.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur